MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' April, 2002

Numru 91/1999

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

-vs-

Carmel Muscat

Il-Qorti;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migbura kontra l-imputat Carmel Muscat ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Paul u Consiglia nee' Portelli imwieled Victoria u residenti 80, Triq Dun Anton Tabone, Nadur ta' karta ta' identita' numru 28065(G), akkuzat talli:

1. fil-11 ta' Lulju 1999 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofs inhar (5.30pm) fl-inhawi maghrufa bhala "Il-Qolla l-Bajda', limiti tal-Qbajjar, Zebbug, b'ghemil zieni

kkorromopa lil Sarah Galea u lil Jessica Refalo, zewg persuni ta’ taht l-eta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali (Folio 54) fil-waqt li baghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni lil dina l-Qorti sabiex f’nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputat tiddeciedi fuq l-akkuza a bazi ta’ l-Artikoli minnu hemm indikati wara li tisma’ kull prova ohra li ggib il-Pulizija.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li ma kellux provi ohra xi jressaq;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn din il-Qorti;

Ezaminat ix-xhieda u semghet lill-imputat bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat ai termini ta’ l-Artikoli ta’ l-Avukat Generali b’korruzzjoni tat-tfal taht l-eta (Artikolu 203 tal-Kap 9) u l-offiza kontra l-pudur u l-morali maghmula fil-pubbliku (Artikolu 209 tal-Kap 9).

Il-kaz jirreferi ghall-11 ta’ Lulju 1999 meta l-imputat waqt li kien fl-akkwati tat-torri tal-Qbajjar, Marsalforn, qieghed jghum flimkien ma’ xi hbieb tieghu, indirizza zewg tfajliet, li kienu qeghdin ukoll jghumu f’dak il-lok, u waqt li qalilhom id-diskors “Ghandkom bhal dan?” nizzel il-qalziet ta’ taht li kien qieghed jghum bih u espona l-parti genitali.

Fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti l-imputat irrikonoxxa li kien qal id-diskors imsemmi liz-zewg tfajliet izda innega li espona l-parti genitali u sostna li hu u jghid id-diskors qabad u mhux kixef il-partijiet privati tieghu. L-imputat

pero’ mhux biss hu kontradett miz-zewg tfajliet izda anke mill-istqarrija minnu stess rilaxxjata lill-pulizija.

Illi in propostu ghal din l-istqarrija, li ghandha valur probatorju jekk dimostrat li giet volontarjament rilaxxjata, kif jirrizulta fil-kaz in ezami, l-imputat kien ammetta li kien nizzel “kemm kemm il-qalziet ta’ taht”, u kien urihom il-parti maskili tieghu. Iz-zewg tfajliet kienu aktar kategorici u fil-waqt li wahda minnhom qalet li “qaghad imiss il-parti maskili tieghu” it-tfajla l-ohra uzat l-espressjoni “zammu f’idejh”.

Minn dan il-kwadru tal-fatti ma hemm ebda dubbju f’mohh din il-Qorti li l-verzjoni korretta hi dik li taw it-tfajliet korroborata mill-istess dikjarazzzjoni ta’ l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija.

Illi bejn iz-zewg reati nvokati kontra l-imputat johrog wisq car li hawnhekk si tratta tar-reat kontemplat taht l-Artikolu 203 li ghandu bhala elementi kostituttivi tieghu: l-att libidinuz; l-eta’ tas-soggett passiv; li l-att attwalment ikorrompa lill-minuri. Fil-kaz in dizamina l-eta tat-tfajliet meta sehh ir-reat kien ta’ tnax u tlettax-il sena rispettivament u in kwantu ghaz-zewg elementi l-ohra jinghad kif isegwi:

- li ghal dak li huma atti di libidne fl-Appell “Police vs Thomas Whiffen” deciz 8 ta’ Jannar 1996, intqal li huma *“all acts which either by their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the aent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim”;*

- li ghal dak li hu att li attwalment ikorrompa l-ligi tuza l-kelma “jikkorrompi” li giet interpretata li l-atti ta’ libidine iridu jikkorrompu u mhux semplicement li jistghu jikkorrompu b’daqstant li hi rikjesta l-prova univoka li ma tistax semplicement tistrieh fuq il-prezunzjoni (Appell Pulizija vs Portelli deciz 20.02.1975). Fil-fehma tal-Qorti din il-prova ukoll tissussisti jekk xejn mill-atteggjament tat-tfajliet wara li sar l-att inkriminat.

Ghal dak li hi piena l-Qorti tikkunsidra r-reat bhala wiehed serju u ta' stmerrija. Il-bravatura f'mohh l-imputat ma kienet xejn hlief azzjoni altament kundannabbli li jisthoqqilha l-piena ta' prigunerija jekk mhux fil-massimu ta' tliet snin certament f'perjodu li jaddici ghall-kaz. Il-Qorti pero' hi tal-fehma li ghandha timponi din it-tip ta' piena bhala wahda sospiza stante li l-imputat, li apparti li ghandu impieg fiss u forsi anke familja, irrealizza l-istupidagni tieghu u jidher li hu l-ewwel reat tieghu.

Ghalhekk tiddeciedi li fil-waqt li ssib l-imputat hati skond l-att ta' akkuza b'dan li t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel, rat l-artikolu 203(1), 209, 17 u tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mil-lum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor kundannbbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv ta' erba' snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu naxxenti minn dina s-sentenza u dan a tenur ta' l-Artikolu 28A (4) tal-Kap 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------